MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 122/2011

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs**

**Jonathan Holland (KI 371678 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-1 ta' Frar 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf mija u tnejn u sebghin Ewro, u ghaxar centezmiu (€1,172.10) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet. Ra ukoll nota ghar-riduzzjoni tal-ammont ipprezentata mis-socjeta attrici fis-seduta tal-14 ta Marzu 2011, fejn tablet illi s-sorte jigi ridott ghas-somma ta' tmien mija, tnejn u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€872.10).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici is-somma  ta' tmien mija tnejn u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€872.10) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------